# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1466

Kaz Nru. 1611

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Louise Demicoli

u

Casino' di Venezia

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Ilum il-Hamis 8 ta' Jannar 2004

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata t-28 ta' Jannar 2002 Referenza MSP/TI/10/2002 biex tigi pprocessata skond il-Provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tnax-il (12) seduta u ghamel access fil-Casino' di Venezia, Vittoriosa.

Is-Sinjorina Louise Demicoli aktar 'l-quddiem tissejjah l-appellanti kienet assistita mis-Sur Lino Vassallo, Segetarju ta' l-Union Haddiema Maghqudin.

L-Avukat Simon Tortell deher ghall-Casino' di Venezia li aktar 'l-quddiem jissejjah is-Socjeta.

**L-Istqarrija tal-Kaz**

L-appellanti fl-Istqarrija tal-Kaz tghid li kienet ilha fl-impieg mas-socjeta ghall-erba' xhur u nofs, liema perjodu ta' zmien jinkludi ukoll iz-zmien ta' prova. Kienet impjegata mas-socjeta bhala *"Slot Machine Attendant".* L-impieg taghha kien permezz ta' kuntratt indefinit b'effett mill-1 ta' Awissu 2001 mal-Vittoriosa Gaming Ltd., liema kuntratt igib id-data tat-2 ta' Gunju 2001.

Fil-11 ta' Dicembru 2001 l-appellanti rceviet ittra ffirmata mill-*General Manager* ta' dak iz-zmien is-Sur Mauro Bottini fejn giet informata li l-impieg taghha kien sejjer jigi tterminat b'effett immedjat. Ir-raguni principali li nghatat ghat-tkeccija fl-ittra tal-11 ta' Dicembru 2001 kienet minhabba x'uhud mill-attivitajiet personali taghha waqt il-hin tax-xoghol ma humiex ittollerati mis-socjeta, *"some of your personal activities while on duty that are not to be tolerated by our Company"*

L-appellanti tghid illi matul iz-zmien li ghamlet fl-impieg qatt ma kellha diskussjonijiet mas-superjuri taghha dwar l-operat u l-funzjoni taghha fuq il-post tax-xoghol. Tghid li dejjem kienet taqdi d-doveri taghha kemm lejn is-socjeta kif ukoll lejn il-haddiema kollegi taghha fuq il-post tax-xoghol; li qatt ma nghatat l-ebda struzzjonijiet diretti mis-socjeta dwar il-mod kif ghandha tahdem ghaliex l-istess socjeta kienet taf tajjeb li kienet taf taghmel xogholha sew peress li kienet ilha aktar minn sena tahdem f'Casino iehor f'Malta. Tant hu hekk li hi kienet minn ta' quddiem biex ghalmet lill-shaba kif ukoll gieli hadmet wahidha minghajr supervizzjoni.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-Avukat Simon Tortell ghan-nom ta' Vittoriosa Gaming Ltd., licenzjatarji tal-Casino' di Venezia aktar 'l-quddiem jissejjah is-socjeta

jghid illi t-tkeccija ta' l-appellanti giet deciza billi hija instabet illi kienet qed tigbor ic-*chips* li jintuzaw biex jintlaghbu fis-*Slot Machines* u tilghabhom. Illi l-impjegati kellhom direttiva li c-*chips* migbura jigu mehuda fil-*cash* fejn jissejjhu *"lost and found";* dawn jigu rregistrati u jsiru ta' l-istabbiliment.

**Xhieda**

Xhiedu s-segwenti Sinjuri: Roberto Cappiello bhala impjegat u eks-impjegat *Slot Manager,* Kenneth Mallia, *Assistant Slot Manager,* Ms Karen Muscat, *Slot Attendant,* Philip Agius, *Control Officer* u l-appellanti.

**Access**

It-Tribunal Industrijali ghamel access fil-Casino' di Venezia, Vittoriosa fid-19 ta' Dicembru 2002 fejn ra wahda mis-swali fejn hemm il-magni tal-loghob tal-Casino sabiex seta' jara l-post fejn ingibed parti mill-filmat li ntwera bhala parti mill-provi ta' l-intimati. Gie muri *video* fejn l-appellanti kienet waqt certi perjodi tal-hin tax-xoghol.

**Provi**

L-appellanti bdiet fl-impieg taghha mal-Casino' di Venezia b'kuntratt indefinit fit-2 ta' Gunju 2001 u fil-11 ta' Dicembru 2001 irceviet ittra minghand il-*General Manager* ta' dak iz-zmien is-Sur Mauro Bottini fejn giet informata li l-impieg taghha mas-socjeta kien sejjer jigi tterminat b'effett immedjat.

Is-socjeta ibbazat il-kaz ghat-tkeccija ta' l-appellanti ghax kienet tilghab xi *tokens* li kienet tiehu minn magni u tilghabhom f'magni ohra.

Is-Sur Roberto Cappiello, *Slot Manager* xhud ghas-socjeta jghid illi normalment xi ftit mit-*tokens* jibqghu jew fit-*tray* jew fil-magna bhala *credits* minsija mill-klijenti, u f'dan il-kaz l-appellanti kienet tiehu dawn it-*tokens* iddahhalhom f'magna ohra specjalment fil-*poker* u kienet tilghab. Mistoqsi x'suppost ghandha tghamel bit-*tokens* ix-xhud qal li t-*tokens* li jigu mhollija mill-klijenti jrid ikunu migbura minn *Slot Attendants*, jittiehdu fil-*cash* u jidhlu bhala *"lost and found"*. L-istess xhud kompla jghid li t-*tokens* jigu rregistrati fil-prezenza ta' l-Ispettur tal-Gvern f'registru, peress li dawn jghamlu parti ta' utli, ta' profitt, ta' qlieh tal-Casino. Ix-xhud zied jghid li b'dawn it-*tokens* jithallsu t-taxxi lill-Gvern ghaldaqstant dawn it-*tokens* huma parti tal-Casino' di Venezia u parti tal-Gvern.

Mistoqsi kif gie nnotat li l-appellanti kienet qed tigbor it-*tokens* u tmur tilghabhom, ix-xhud spiega u qal li tezisti sistema ta' *security video* fejn jigu rregistrati dawn l-operazzjonijiet tal-loghob, kemm *is-Slot Machines* kif ukoll ta' l-imwejjed, u f'wiehed minn dawn il-mumenti li kienu qed jigu ccekjati dawn il-*videos* gew innotati l-movimenti ta' l-appellanti; kienet tfittex dawn it-*tokens* u tmur tilghabhom fis-sala li qeghda ghaliha fejn hemm il-magna tal-*poker*, li m'humiex f'ghajn il-klijenti.

Fil-kontro-ezami mid-difensur ta' l-appellanti ghall-mistoqsija dwar kieku meta kellha titfa t-*token* u jirrizulta f'rebh, is-Sinjorina Demicoli setghetx qatt kellha cans issarrafhom, ix-xhud irrispondiet, li kieku kienet miftehma ma xi hadd, hija kienet tkun tista' ssarafhom. Mistoqsi jekk qatt saret rebha w sarrfet il-flus, ir-risposta tax-xhud kienet,"le hekk qatt" Ix-xhud qal ukoll illi normalment dipendent tal-Casino ikun min ikun ma jistax jilghab fil-Casino ghax din hija regola fil-kuntratt.

Meta d-difensur ta' l-appellanti staqsa lis-Sur Roberto Cappiello, x'wassal ghat-tkeccija ta' l-appellanti meta b'dak li ghamlet ma jirrizultax xi telf la ghall-Casino w anki ghall-Gvern, ix-xhud qal li ma kienx importanti l-ammont, imma kien mportanti l-gest, il-fatt li laghbet.

Id-difensur ta' l-appellanti argumenta li d-dirigenti tal-Casino hadu passi ta' tkeccija kontra l-appellanti u kontra haddiehor forsi ma hadux, tant illi gie muri l-*video* fejn tidher l-appellanti biss. L-istess difensur qal li l-*Management* jafu li laghbet izda huma qatt ma cahdu li laghbet.

Is-Sur Kenneth Mallia, *Assistant Slot Manager,* xhud imtella mill-appellanti spiega kif isir il-loghob, kif jahdmu l-magni tal-loghob, meta jsir ir-rebh u s-sistema kif jissarfu l-flus meta jsir ir-rebh. Qal li hu kien ta l-ahbar tat-tkeccija peress li kien imqabbad biex javzha. Mistoqsi x'isir meta jkun hemm problema fil-magna, suspett li magna m'hix qeghda taccetta *coins*, qal li biex jippruvawha u jiccekkjaw il-magna sa kemm tigi tahdem u tiffunzjona tajjeb gieli jinstabu *coins* illi jintefghu fil-magna. Ix-xhud qal li hemm minn jitfa l-*coin* biex jiftah il-bieba tal-magna u hemm min jitfaghha biex jilghabha. Meta tinfetah il-bieba irid ikun hemm il-*Government Inspector.* Mistoqsi mid-difensur ta' l-appellanti jekk jiftakarx li saret xi laqgha ghall-haddiema fejn spiegawlhom ezatt il-procedura tal-*lost and found, ix*-xhud irrisponda li qatt ma saret laqgha. Mistoqsi mid-difensur tas-socjeta, x'kien jghamel li kieku xi hadd tefa *coin* fil-magna, irrisponda li kien jistaqsih ghalfejn tefaghha u dwar jekk huwiex normali jew permess li wiehed jaghmel hekk, ix-xhud qal li ma jistax jghid li huwa permess, pero qal li anke hu gieli tefa *coins* fil-magna.

Is-Sinjorina Karen Muscat, *Slot Attendant,* xhud imtella' mis-socjeta mistoqsija jekk qattx rat lill-appellanti titfa l-flus fis-*slot,* peress li x-xhud dehret ma' l-appellanti fil- *video* irrispondiet li gieli ratha, pero qalet ukoll li l-magni jehlu hafna u li, "gieli ghafset biex tipprova magna ghax kemm il-darba nghamluha dik".

Is-Sur Philip Agius,*Controlling Officer,* xhud tas-socjeta spiega kif tahdem l-Awtorita tal-Gaming li ilha mwaqqfa ghal dawn l-ahhar sitta, seba' snin taht il-Gaming Act tal-1998 u l-Gaming Regulations tal-1998. Is-Sur Agius qal li kull min jahdem fil-Casino ghandu bzonn licenzja. Spiega dettaljament

x'inhu mehtieg mill-individwu biex ikun jista' jahdem, li jkun mehtieg certifikat tal-kondotta tal-Pulizja u certifikati ohra tant illi taht *Section 13* hemm illi minn naha ta' l-Awtoritat jghamlu *enquiries* fuq l-individwu qabel tohrog il-licenzja. Mistoqsi jekk l-impjegati jistghawx jilghabu, irrisponda li ma jistghawx; li hemm *Legal Notice* tal-1998.

L-appellanti xehdet li ftit qabel dahlet fl-impieg mal-Casino' di Venezia fl-1 ta' Awissu 2001 kienet tghallem lil seba' impjegati ohra li kienu diga fil-Casino peress li hi kellha esperjenza ghax kienet tahdem fid-Dragonara Casino. Mistoqsija mid-difensur taghha jekk qattx tawhom *courses*, qalet li s-socjeta kull ma ghamlet kien li ghajtitilha meta kienet tahdem biex tghid lis-seba' impiegati li kien hemm kif jahdmu l-magni. Qalet li minn naha tas-socjeta qatt ma tawhom istruzzjonijet jew regolamenti kif ghandu jsir ix-xoghol. Ix-xhud spiegat kif jahdmu *s-Slot Attendants* u x'jsir meta l-magna jew magni jehlu bil-*coins*, haga li ssir regolari. L-appellanti qalet li meta l-magna tehel b'*coin* "irridu nwaddbu l-*coin* u rridu nilghabu l-magna"; dan isir bil permess tal-*Government Inspector*.

L-appellanti qalet ukoll li gieli ghamlet *shift* wahidha, minghajr *technician* ghax ma kienx ikollhom *technician* iehor biex jirriplejsja u gieli tefa lilha peress li kienet tahdem id-Dragonara Casino, kien jghidilha li kapaci li tkun fix-*shift* wahidha. Mistoqsija jekk kelliex awtorita biex issewwi l-magna jew biex tipprova magna irrispondiet, "la kont wahdi fix-*shift* minghajr *technician* awtomatikament kelli awtorita"

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellanti matul iz-zmien fl-impieg taghha mas-socjeta, liema zmien hu relattivament qasir jidher li ma kellha ebda rimarka ghax-xoghol taghha, kien biss l-incident li deher fuq il-*video* li wassal lis-socjeta tiehu l-passi tat-tkeccija. Invista ta' l-esperjenza li kien diga kellha fix-xoghol bhala li kienet

permessibli minhabba n-natura delikata tal-post taghhom. Ix-xoghol fil-Casino hu maqsum bejn tliet partijiet, il-Casino, il-Gvern u l-klijenti. Tant hu minnu dan illi s-Sur Philip Agius, *Controlling Officer,* mhux biss spiega x'titlob il-*Gaming Act* u l-*Gaming Regulations* tal-1998, izda sahansitra qal li biex tigi mpjegat fil-Casino jridu jigu pprezentati certifikat tal-kondotta tal-Pulizija u certifikati ohra tant illi taht *Section 13* tal-Awtorita qabel ma tohrog il-licenzja lill-impjegat jghamlu stharrig fuq l-individwu.

Fill provi kollha li saru waqt is-smiegh tal-kaz deher car kemm fil-Casino hu importanti li tosserva il-ligi u r-regolamenti tas-socjeta.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li ra l-Istqarrija tal-Kaz u sema' t-trattazzjoini finali tal-partijiet, ra d-dokumenti pprezentati, ra l-*video* mghazul ghal wiri mid-direzzjoni tal-Casino' di Venezia, jaqta u jiddeciedi li t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellanti kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 tal-1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet il-paritjiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**